**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Rita Lovegrove**

Illum 22 ta' Settembru 2000.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Rita Lovegrove ta' wiehed u tletin (31) sena, mart Stephen, bint Carmelo Zahra u Antonia nee` Agius, imwielda l-Imsida fil-21 t'April 1968 u residenti fil-fond Block 11, Bieb B, Flat 13, Triq it-Tulipani, San Gwann (Karta ta' l-Identita` Nru. 192368M) akkuzata talli f'dawn il-gzejjer fil-11 t'Awissu 1995 u x-xhur ta' qabel din id-data kellha fil-pussess taghha medicina specifikata u psikotropika (LSD) meta ma kienetx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) ta' l-Avviz Legali Nru 22 ta' l-1985, kif sussegwentement emendat, u 35 (B) u 89 (A) u t-tielet skeda ta' l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 kif amendat.

Akkuzata wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kkonsenjat medicina specifikata u psikotropika lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienux xorta ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu bi ksur tar-regolament 10(2) ta' l-Avviz Legali Nru 22 ta' l-1985, kif sussegwentement amendat, u 35 (B) u 89 (A) u t-Tielet skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Att V ta' l-1985 kif amendat.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ta' l-20 ta' Marzu 2000 sabiex l-akkuzata titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex twiegeb ghall-akkuzi kontra taghha ghall-ksur tal-provvedimenti tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31);

Rat illi l-akkuzata ma rregistrat l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz taghha jkun trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fis-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2000;

Rat l-atti tal-kawza;

**Ikkunsidrat illi fis-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2000 l-akkuzata ammettiet l-akkuzi kollha dedotti kontra taghha. Din l-ammissjoni, izda, apparentament saret minghajr ezami ta' l-akkuza. Dan ghaliex fl-att ta' l-akkuza hemm specifikat zewg imputazzjonijiet li ma ghandhom l-ebda ness ma' dawn il-proceduri kif jirrizulta mill-atti. Fl-ewwel lok hemm l-akkuza kontra d-dispozizzjoni ta' l-artikolu 35 (B) tal-Kap 31. L-artikolu 35 (B) huwa qabel xejn inezistenti u jekk il-prosekuzzjoni qed talludi ghall-artikolu 35 (C) allura dan non centra ghaliex dan jitratta dwar in-nuqqas ta' spizjar li jkollu mizien u ghodda simili. Dwar l-artikolu 89 (A) irid jinghad illi dan jitratta dwar licenzja ta' spizjar ghall-bejgh ta' medicinali, dozi u medikamenti u mhux dwar medicini perikoluzi. Oltre dan ma hemm imkien allegat li l-imputata ghamlitha ta' spizjara;**

Ghal dawn il-mottivi, minkejja l-ammissjoni, l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja kwantu hi akkuzata bi ksur ta' l-artikoli 35 (B) u 89 (A) tal-Kap 31;

Issibha hatja ta' l-akkuzi l-ohra;

Wara li rat ir-Regolament 5 (1) ta' l-Avviz Legali 22/1985, 35 (B) u 89 (A) Skeda III tal-Kap 31 u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985;

Wara li rat il-fedina penali ta' l-imputata tqis illi l-impozizzjoni ta' multa fuqha mhix ser tkun ta' beneficcju ghaliha biex ma tergax tirrikorri ghal dawn il-mezzi;

Ghalhekk bi skop li l-imputata tara din il-piena bhala mezz ta' riforma tikkundannaha ghal perjodu ta' prigunerija ta' tliet xhur, tenut kont ta' l-ammissjoni u tal-kwantita` zghira ta' medicina psikotropika f'dan il-kaz, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputata tikkommetti rejat iehor fi zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28 (a) tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur